# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-3 ta' Mejju, 2016.**

**Rikors Numru 97/2016 SM**

***Bank of Valletta p.l.c.***
**(C – 2833)**

**vs.**

**Sabrina Abela**
**(K.I. Numru 482267 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-5 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu r-rapprezentanti tal-bank rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi l-bank *de quo* kkonceda facilitajiet bankarji lill-intimata permezz tas-segwenti:

1.1.1. Kuntratt datat it-22 t'April, 2004, *in atti* tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, (ara foll 4);

1.1.2. Skrittura Privata datata l-25 ta' Lulju, 2006, (ara foll 17);

1.2. Illi l-bank rikorrenti hu kreditur tal-intimata fl-ammont ta' mija u hamest elef disa` mija u hamsa u tmenin Ewro u tmintax il-centezmu, (€105,985.18), balanc minn ammonti mislufin mill-istess bank lill-intimata, (ara foll 22 sa 37), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-10 ta' Settembru, 2015, sad-data tal-pagament effettiv;

1.3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq indikati, kif elenkati fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 1);

1.4. Illi r-rapprezentant tal-bank rikorrenti li kkonfermat ir-rikors guramentat promotur tafferma li taf bil-fatti fuq elenkati personalment, (ara foll 1);

1.5. Illi ghalkemm interpellata regolarment skont il-ligi, biex thallas lill-bank rikorrenti l-ammont minnha dovut, l-intimata baqghet inadempjenti, (ara foll 2 u 38);

1.6. Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti biex l-intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet indikati fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija;

1.6.2. Tikkundanna lill-intimata biex thallas lill-bank rikorrenti s-somma ta' mija u hamest elef disa` mija u hamsa u tmenin Ewro u tmintax il-centezmu, (€105,985.18), bilanc dovut mill-intimata lill-istess bank rikorrenti, flimkien mal-imghax ulterjuri mill-10 ta' Settembru, 2015, sad-data tal-pagament effettiv;

1.6.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 2);

2. Ezaminat id-dokumenti kollha pprezentati *in atti*;

3. Sodisfatta li l-intimata giet debitament notifikata bir-rikors guramentat promotur u bl-avviz ghas-smigh tal-istess procedura, (ara foll 42);

4. Rat l-ammissjoni tal-intimata ghat-talbiet tal-bank rikorrenti, (ara foll 47);

Ikkunsidrat:

5.0. Illi in vista tal-ammissjoni indikata fil-paragrafu precedenti din il-qorti hi sodisfatta li l-bank rikorrenti pprova t-talbiet tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

5.1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet indikati fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija;

5.2. Tikkundanna lill-intimata Sabrina Abela biex thallas lill-Bank irkorrenti, l-*Bank of Valletta p.l.c.*, s-somma ta' mija u hamest elef disa mija u hamsa u tmenin Ewro u tmintax il-centezmu. (€105,985.18), bilanc dovut mill-istess intimata lill-imsemmi bank rikorrenti, flimkien mal-imghax ulterjuri lilhu dovut mill-10 ta' Settembru, 2015, sad-data tal-effettiv pagament;

5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-imsemmija intimata;

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**